MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Albert Bugeja ta' 39 sena, iben Constantine u Helen nee Vidal, mwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju, 1972, u joqghod 'Charlie Flats', Triq Nerik Mizzi, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 300672 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Albert Bugeja li gie akkuzat talli matul il-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 tax-xahar ta’ Ottubru, 2001 minn Triq l-Imhazen gewwa l-Furjana:

(1) Ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Cortina bin-numru ta’ registrazzjoni LAG 201 ghad-dannu ta’ l-istess sid Manweli Briffa mill-Furjana, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u dan bi ksur tal-artikolu 261(b), (c), (f) u (g), 263 (a), 267, 270 u 271 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-dati, f’dawn il-gzejjer, xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artiklu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
(3) U aktar talli naqas li fi zmien 7 ijiem jaghti avviz bil-miktub lid-Direttur tat-Traffiku rigward xiri, trasferimenti jew bejgh tal-vettura b’numru ta’ registrazzjoni LAF-873 ta’ l-ghamla ‘Ford Cortina’ u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 261(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur.
(4) U aktar talli b’hekk jitqies recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 23-0801991 (Awla K)

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji ( a fol 7).

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri, wiegeb ukoll li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha, semghet ix-xhieda.

Rat ukoll li fis-seduta tat-22 ta’Jannar, 2003 l-akkuzat irregistra ammissjoni ghat-tieni u t-tielet akkuza cioe ghar-reat ikkontemplat taht l-artiklu 334 tal-Kap 9 u dan ikkontemplat taht l-art 26 tal-Kap 65.

Illi mela l-akkuzat mhux qed jammetti ghall-ewwel akkuza u cioe dik ta' serq aggravat u li rrenda ruhu recidiv.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament pruvat li fil-fatt il-vettura li originalment kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni LAG-201 kienet fil-pussess ta' l-akkuzat Albert Bugeja. Dan nonostante li l-istess akkuzat cahad kemm dak li qal Pisani Antoine u Guzi Grima.

Pero' ghalkemm l-istess persuna jiddetta certu suspetti, ghalkemm ukoll wiehed irid jiftakar ukoll li l-vettura misruqa nstabet minn sidha stess bi pjanci ta' registrazzjoni bin-numru LAF-873. Gie pruvat ukoll li l-vettura li kellha dawn in-number plates kienet ukoll giet mibghuta minn Charles Abela lill-istess akkuzat. Mela ghalkemm il-pussess ta' dawn iz-zewg vetturi huwa pruvat f'idejn l-akkuzat dana kollu m jwassalx biex jipprova li l-akkuzat kien il-bniedem li seraq il-vettura mertu ta' l-akkuza.

Ghaldaqsant il-Qorti qed tilliberah mill-istess.

Ghaldaqstant wara anke li rat l-art 49 tal-Kap 9 u l-art 14 ta' l-imsemmi tal-Kap issib lill-akkuzat Alfred Bugeja hati tar-reati kkontemplati taht l-art 334 tal-Kap 9 u l-art 24 tal-Kap 65. Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu, rat l-art 28A tal-kap 9 u tikkundannah sena habs sospiza ghal sentejn.

--------------------------------TMIEM--------------------------------